REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1251/2011

tat-30 ta' Novembru 2011

li jemenda d-Direttivi 2004/17/KE, 2004/18/KE u 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti tal-applikazzjonijiet tagħhom għall-proċeduri tal-għoti tal-kuntratti

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 69 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 78 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 68 tagħha,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehimiet milħuqa fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) [4], il-Kunsill ikkonkluda l-Ftehim dwar il-Kuntratti Pubbliċi (minn hawn 'il quddiem 'il-Ftehim') Il-Ftehim għandu jkun applikat għal kwalunkwe kuntratt ta' xiri b'valur li jilħaq jew li jaqbeż l-ammonti (minn hawn 'il quddiem "il-limiti") stipulati fil-Ftehim u indikati bħala drittijiet speċjali ta' prelevament.

(2) Wieħed mill-għanijiet tad-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE huwa li jippermetti li l-entitajiet kontraenti u l-awtoritajiet kontraenti li japplikaw dawk id-Direttivi biex fl-istess ħin ikunu jistgħu jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fil-Ftehim. Biex jinkiseb dan, il-limiti stabbiliti f'dawk id-Direttivi għall-kuntratti pubbliċi, li huma koperti wkoll mill-Ftehim, għandhom jiġu allinjati sabiex jiġi assigurat li jikkorrispondu mal-ekwivalenti f'euro, imqarrba għall-eqreb elf, tal-limiti stipulati fil-Ftehim.

(3) Għal raġunijiet ta' koerenza, huwa xieraq li dawn il-limiti jkunu allinjati wkoll fid-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE li ma humiex koperti mill-Ftehim. Fl-istess ħin, il-limiti stabbiliti fid-Direttiva 2009/81/KE għandhom jiġu allinjati mal-limiti riveduti kif stabbiliti fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 2004/17/KE.

(4) Id-Direttivi 2004/17/KE, 2004/18/KE u 2009/81/KE għalhekk għandhom jiġu emendati kif meħtieġ.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv għall-Kuntratti Pubbliċi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2004/17/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (a), l-ammont "EUR 387 000" jinbidel b'"EUR 400 000",

(b) fil-punt (b), l-ammont "EUR 4 845 000" jinbidel b'"EUR 5 000 000".

(2) L-Artikolu 61 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ammont "EUR 387 000" jinbidel b'"EUR 400 000",

(b) fil-paragrafu 2, l-ammont "EUR 387 000" jinbidel b'"EUR 400 000".

Artikolu 2

Id-Direttiva 2004/18/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (a), l-ammont "EUR 125 000" jinbidel b'"EUR 130 000",

(b) fil-punt (b), l-ammont "EUR 193 000" jinbidel b'"EUR 200 000".

(c) fil-punt (c), l-ammont "EUR 4 845 000" jinbidel b'"EUR 5 000 000".

(2) L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (a), l-ammont "EUR 4 845 000" jinbidel b'"EUR 5 000 000",

(b) fil-punt (b), l-ammont "EUR 193 000" jinbidel b'"EUR 200 000".

[1] ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1.
[2] ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114.
[3] ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76.
[4] ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1.

(3) Fl-Artikolu 56, l-ammont "EUR 4 845 000" jinbidel b'"EUR 5 000 000".

(4) Fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 63(1), l-ammont "EUR 4 845 000" jinbidel b'"EUR 5 000 000".

(5) l-Artikolu 67(1) huwa emendat kif ġej:

(a) f'punt (a) l-ammont "EUR 125 000" jinbidel b'"EUR 130 000",

(b) fil-punt (b), l-ammont "EUR 193 000" jinbidel b'"EUR 200 000",

(c) fil-punt (c), l-ammont "EUR 193 000" jinbidel b'"EUR 200 000".

Artikolu 3

L-Artikolu 8 tad-Direttiva 2009/81/KE huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-punt (a), l-ammont "EUR 387 000" jinbidel b'"EUR 400 000".

(2) Fil-punt (b), l-ammont "EUR 4 845 000" jinbidel b'"EUR 5 000 000".

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2011.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO